# IL-KNISJA TAL-VIŻITAZZJONI 'TA' WEJDA' FIL-MOSTA

*Mario Fenech*



Waħda mil-knejjes iż-żgħar li nsibu fil-limiti tar-raħal tal-Mosta hija dik iddedikata lill-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Elizabetta.Tinsab ftit 'l isfel minn fejn hemm it-Torri Cumbo fit-triq li twasslek lejn Ta' Qali.



Sa ftit tas-snin ilu ftit kienu d-djar jew l-irziezet li kien hemm viċin tagħha llum tinsab f'nofs il-bini l-ġdid ta'djar u appartamenti li ġew mibnija madwarha.

Il-Knisja nbniet fis-sena 1605 bil-flus ta' ċertu Damiano Bonnici mlaqqam "Wejda". Hekk jgħid fir-rapport tal-Vista Pastorali li kien għamel fl-inħawi tal-Mosta l-Isqof Cagliares fis-sena 1615.

Nafu li qabel ma nbniet din il-Knisja kien hemm oħra qabilha li skont kif jgħid l-Isqof Mons. Dusina permezz tal-kitba tiegħu kienet diġà teżisti fis-sena 1575. Jgħid li din kienet imħaffra fil-blat u kienet iddedikata lill-Madonna. Ġiet ikkonsagrata minn seba' isqfijiet li kienu waslu Malta wara maltempata qalila fuq il-baħar. Dawn kienu ħelsuha mil-mewt fuq il-baħar biex mietu hawn Malta wara li messithom il-marda tal-pesta.

Jidher li din il-knisja kellha xi renti tajbin, għaliex meta kienet qiegħda tinbena r-Rotunda tal-Mosta, il-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Ġammarì Schembri kien għamel talba lis-Santa Sede biex dawn imorru għall-bini tal-Knisja l-ġdida.

Nhar il-11 ta' Marzu, 1942 il-Knisja ntlaqtet mill-bombi tal-għadu, ġiet mibnija mill-ġdid sentejn wara. Xhieda ta' dan hija plakka tal-irħam li tqiegħdet mal-faċċata tal-knisja.

Minn ġewwa, il-knisja hija mżejna b'numru t'Opri Sagri sbieħ li bosta minnhom kien ħa ħsieb jagħmilhom Karmnu Debattista mlaqqam ta' "Xenku", meta l-Prokuratur tagħha kien Dun Angelo Dingli.

Il-Kwadru Titulari tpinġa mill-artist Ġużè Maria Caruana fis-sena 1930. Fih huwa pinġa lill-Madonna qiegħda tkanta l-Manifikat flimkien mal-qariba tagħha Santa Elizabetta. Mal-ġnub tal-artal hemm żewġ kwadri sbieħ oħrajn, wieħed tat-Tħabbira tal-Anġlu Gabriel lil Marija u l-ieħor tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija bir-Ruħ u bil-Ġisem.

L-Istatwarju Wistin Camilleri ħadem l-Istatwa tal-Viżitazzjoni. Filwaqt li ftit wara l-Gwerra ġiet mibnija sagristija żgħira biswit il-Knisja. Kien ġie rranġat ukoll iz-zuntier tal-knisja.

L-artal li hemm illum sar fl-1964 u kien ġie mbierek mill-Arċipriet tal-Mosta Dun Dert Bezzina nhar is-17 ta' Ġunju tal-istess sena.

Sena wara ġie mpitter is-saqaf u sar id-damask. Matul il-jiem tal-festa li tiġi ċċelebrata f'wieħed mill-ħdud tax-xahar t'Ottubru, il-Knisja tkun armata b'mod tassew sabiħ. Dan juri b'mod ċar il-ħidma li kien għamel Karmnu Debattista kemm dam jieħu ħsieb din il-Knisja.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.



